# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)

**MAGISTRAT**

**DR. JOSEPH APAP BOLOGNA B.A. LL.D.**

**Seduta ta' nhar l-Erbgha 13 ta' Marzu 2002**

**Avviz. numru 825/00**

**Numru**

**Hadrian u Valerie konjugi Attard Bezzina**

**vs**

**John Zahra, Francois Barbara, Mario Cauchi, Emanuel u Carmela konjugi Agius bhala kuraturi ad litem ta' binhom minuri Winston Agius**

Il-Qorti,

Wara li rat it-talba tal-atturi ghall-kundanna tal-konvenuti ghall-hlas tas-somma ta' disa mija u tmenin lira (Lm980.00,0) jew somma ohra verjuri rapprezentanti danni sofferti mill-atturi wara li fit-12 ta' Settembru 1999 ghall-habta ta' l-4.00a.m. il-konvenuti, jew min minnhom, dolozament ikkommettew hsara fuq il-vettura ta' l-atturi tal-marka Citroen Visa targata BBA-679 waqt li din kienet wieqfa fi Triq Santa Lucija.

Bl-ispejjez, inkluzi dawk tal-mandati kawtelatorjiipprezentati mal-avviz kontra l-konvenuti, jew minn minnhom, li gew ingunti ghas-subizzjoni u bl-imghax legali mid-data tal-incident.

Wara li rat in-nota ta’ cessjoni, tallum stess, li biha l-atturi cedew it-talbiet taghhom fil-konfront tal-konvenuti John Zahra, Mario Cauchi u l-konjugi Emanuel u Carmela Agius.

Wara li rat in-nota ta’ cessjoni tallum stess li biha l-atturi cedew l-istess meritu tal-kawza fil-konfront tal-konvenut Francois Barbara pero zammu ferm fuq il-kap tal-ispejjez fil-konfront ta’ dan il-konvenut.

Wara li rat in-Nota ta' Mistoqsijiet tal-atturi sabiex il-konvenut Francios Barbara jwiegeb ghalihom bil-gurament, b'hekk l-istess spejjes jigu ppruvati (Art 698 u 702 (3) (b) Proc Civili).

Billi ghalkemm notifikat regolarment, il-konvenut Francios Barbara naqas u ma deherx fl-10 ta' Ottubru 2000 meta gew prezentati l-kapitoli u lanqas fil-5 ta’ Frar 2001, lanqas llum u n-Nota tal-Mistoqsijiet tisthoqq li tkun emmnuta u ghalhekk ghandha tittiehed bhala mistqarra.

Tiddeciedi billi filwaqt li tastjeni milli tiehu konjizzjoni ulterjuri tal-meritu tilqa t-talba tal-atturi in rigward il-kap tal-ispejjez fil-konfront ta’ Francois Barbara u tikkundanna lill-konvenut Francois Barbara sabiex jhallas l-ispejjez kollha involuti f’dawn il-proceduri inkluzi dawk tal-mandati kawtelatorji imsemmijin fl-istess avviz.

Alan Calleja
Deputat Registratur